MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 5/2023 LM

**Carmen Briffa (K.I. 654343M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] fil-21 ta' Frar, 2023 [minn issa 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda l-appell ippreżentat mir-rikorrenti

**Carmen Briffa (K.I. 654343M)** [hawnhekk 'l-appellata'] mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali fil-konfront tagħha fil-21 ta' Frar, 2022 , kif ġej:

> *"Illi għalhekk l-Arbitru jilqa' l-appell u jiċħad id-deċiżjoni tad-Dipartiment."*

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti kienet benefiċċjarja tal-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja) sat-23 ta' Jannar, 2020, u din l-assistenza ġiet imwaqqfa għaliex ir-rikorrenti, u d-*decujus* żewġha Andrew Briffa, kienu involuti f'diversi tranżazzjonijiet ta' bejgħ u xiri ta' proprjetà bejn l-2004 u l-2016. Fil-15 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrenti reġgħet applikat għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja). Minn stħarriġ li reġa' għamel, id-Dipartiment ikkonkluda li fid-diversi tranżazzjonijiet ta' bejgħ u xiri u donazzjonijiet ta' proprjetà fosthom (i) l-art ta' Ħabel Mejju, sive tal-Ispiera, Birżebbuġia (2007); (ii) porzjon diviża ta' art fil-kontrada ta' Bengħajsa (2008) u (iii) ir-razzett nru. 1, Cashman, Bengħajsa, Birżebbuġia (2010), li saru mill-konjuġi Briffa bejn l-2004 u l-2016, il-kapital tar-rikorrenti kien għadu jeċċedi l-iskala. Għalhekk fil-21 ta' Frar, 2022, l-intimat informa lir-rikorrenti li kien għadu mhux sodisfatt illi l-kapital tagħha ma jeċċedix l-iskala u/jew li hija ma ddisponietx mill-kapital sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

3. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi milqugħ, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru*

*Ra l-atti;*

*Ra li huwa minnu li fil-passat seta' kien hemm xi bejgħ mill-konjuġi Briffa;*

*Ra li wara l-mewt ta' Andrew Briffa ma kienx hemm proprjetà immobbli stante li ma ġietx intavolata* causa mortis*;*

*Rat li mill-estratti tal-kontijiet bankarji Carmen Briffa ma għandix fondi li jeċċedu l-kapital hekk kif stabbilit mil-Liġi;*

*Ikkunsidra li d-Dipartiment qed jispekola li l-appellanti għandha kapital li jeċċedi mill-bejgħ li sar fl-2007-2008 u ċioe' kważi tlettax-il sena ilu;*

*Illi fl-opinjoni tal-Arbitru dan l-appell iqajjem dubji serji dwar kemm l-appellanti għandha kapital li jeċċedi l-limitu stabbilit mil-Liġi;*

*Illi f'proċeduri bħal dawk odjerni tali dubbju għandu jibbenefika lill-appellanti speċjalment meta wieħed jidher li m'għandu l-ebda proprjetà immobbli u għar-rigward tal-bejgħ tal-wirt li kienet wirtet l-appellanti ope legis, nofs ir-rikavat kienet tappartjeni lir-raġel tagħha;*

*Illi għalhekk l-Arbitru jilqa' l-appell u jiċħad id-deċiżjoni tad-Dipartiment".*

**<u>L-Appell</u>**

4. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-3 ta' April, 2023, id-Direttur Ġenerali appellant talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-21 ta' Frar, 2022.

6. L-appellant spjega li l-aggravju tiegħu huwa wieħed u sempliċi, li l-konklużjonijiet tal-Arbitru huma manifestament skorretti u irraġonevoli u għalhekk id-deċiżjoni appellata għandha titħassar. Qal illi għalkemm jagħraf li fi stadju ta' appell, apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti jew tribunal, normalment ma jiġix iddisturbat sakemm mhux għal xi raġuni gravi, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa li tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun

żbaljat irrispettivament mill-grad tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbiltà tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (**Dott. Antoinette Cutajar *vs.* L-Onor. Dr. Joseph Muscat, Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri).[1] L-appellant jikkontendi li l-analiżi tal-Arbitru kienet wisq superfiċjali, u l-konklużjonijiet tiegħu li l-appellata ma kienitx teċċedi l-iskala, hija nnifisha bbażata fuq suppożizzjonijiet mhux korraborati. Jgħid ukoll li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuniet u benefiċċji tas-sigurtà soċjali huwa dejjem fuq dak li jkun qiegħed jitlob l-għajnuna (**Carmelo Pullicino *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)).[2] L-appellant jgħid ukoll li dawn huma proċeduri kontenzjużi u għalhekk trid dejjem titħares l-aktar liġi proċedurali fundamentali, ċioé li min jallega jrid jipprova.

7. L-appellant qal li matul il-proċeduri quddiem l-Arbitru, ġew ippreżentati bħala provi: (i) il-kuntratti ta' bejgħ surreferiti; (ii) l-applikazzjoni tal-appellanta għall-assistenza soċjali; (iii) kontijiet bankarji intestati f'isem l-appellata; (iv) dokument maħruġ minn Identity Malta li ma kienx hemm dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' Andrew Briffa. L-appellant qal li abbażi tad-dokumenti li kellu f'idejh, huwa wasal għall-konklużjoni li l-appellata kellha assi li jiżbqu l-ammont permess mil-Liġi jew li ddisponiet mill-kapital li kellha. L-appellant qal li abbażi ta' dawn id-dokumenti, irriżulta li fl-2007, l-appellata kienet tħallset €80.010.38 mill-bejgħ ta' proprjetà li kienet wirtet. Qal li sussegwentement fl-2008 u fl-2010, l-appellata u żewġha biegħu żewġ proprjetajiet, waħda għall-

[1] 14.12.2018.
[2] 12.05.2003.

prezz ta' €93,174.94 u oħra għal €317,377.12, u għalhekk minn dawn l-ammonti, l-appellata kellha jedd għal €46,587.47 u €158,688. B'kollox għalhekk, f'temp ta' tliet snin, is-sehem tal-appellata mill-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet kien ta' €285,286.41, apparti li żewġha kien irċieva €205,276.03. L-appellant jisħaq li fid-dawl ta' dan, kien jinkombi fuq l-appellata li tispjega x'ġara minn dawn il-flus, jekk nefqithomx, fhiex nefqithom, u jekk kien hemm spejjeż, dawn kienu spejjeż ġustifikati. L-appellant qal li l-appellata ma ġabet l-ebda prova f'dan is-sens, u għalkemm mill-aħħar kuntratt li sar u l-applikazzjoni rifjutata kienu għaddew ftit inqas minn ħdax (11)-il sena, però l-ammonti msemmija kienu kbar ħafna, u mhux la kemm tiddisponi kollha minnhom. L-appellant qal li l-konjuġi Briffa kienu rċevew kważi nofs miljun Euro f'temp ta' tliet snin, u ma ngħatatx l-iċken spjegazzjoni ta' fejn marru dawn il-flus. L-appellant jikkontendi li fin-nuqqas ta' din il-prova, huwa ċar li d-deċiżjoni tal-appellant kienet waħda korretta u raġonevoli. L-appellant jgħid li l-Arbitru lanqas biss ma kkunsidra dawn il-materji jew ikkunsidrahom b'mod superfiċjali ħafna, b'ebda apprezzament tal-ammonti kbar li rċeviet l-appellata, u qal li l-Arbitru jargumenta biss li hemm dubji serji dwar kemm l-appellata għandha kapital li jeċċedi l-limitu. L-appellant qal li s-sitwazzjoni hija pjuttost bil-kontra fejn jeżistu dubji serji fuq fejn marru l-flus, u l-fatt li ma kienux f'kontijiet bankarji, ma jfissirx li dawn mhumiex fl-idejn. L-appellant qal li fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru jsemmi biss il-kuntratti tal-2007 u l-2008, u ma jsemmix il-kuntratt li sar fl-2010 fejn l-appellata rċeviet l-akbar ammont ta' flus. L-appellant jgħid li l-flus li rċeviet l-appellata kienu kollha parafernali u mhux kif qal l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata li *'nofs ir-rikavat kien jappartjeni lir-raġel tagħha'.*

8. L-appellant itenni li l-oneru tal-prova f'kawżi bħal dawn jaqa' fuq il-benefiċjarju, u l-appellata naqset pależament milli ġġib provi li setgħu jegħlbu dak li raġonevolment ikkonkluda l-appellant. L-appellant saħaq illi dak li qal l-Arbitru li meta jkun hemm dubju, dan għandu jmur favur l-applikant għall-benefiċċju, mhux biss huwa legalment skorrett fil-prinċipju, iżda huwa manifestament żbaljat fil-fatt ukoll. Qal li l-appellata kellha ġġib provi li jispjegaw kif u f'xiex intefqu l-flus li hija kienet tħallset mill-bejgħ tal-proprjetà

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Fir-risposta tagħha ippreżentata fil-21 ta' Frar, 2024, l-appellata tgħid li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, u l-appell ippreżentat mill-appellant huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu. L-appellata teċepixxi b'mod preliminari li l-appellant ma ġab l-ebda prova u/jew konferma tan-notifika lilu tad-deċiżjoni appellata, u għaldaqstant ma jistax jiġi kkonfermat jekk l-appell tiegħu ġie interpost fiż-żmien mogħti lilu skont l-artikolu 109(2) tal-Kap. 318. Fil-mertu, l-appellata tibda billi tirrileva li hija vittma ta' soċjetà patrijarkali fejn ħajjitha kienet iddominata minn żewġha, li kien jiddetta x'għandu jsir u x'għandha tagħmel. Tgħid li minħabba l-azzjonijiet ta' żewġha Andrew Briffa, li llum huwa mejjet, l-appellata fil-preżent m'għandha l-ebda sors finanzjarju u l-ebda assi f'isimha, tant hu hekk, li hija m'għandhiex residenza fejn tgħix u għalhekk hija kostretta li tgħix ma' waħda minn uliedha, filwaqt li għall-għajxien tagħha jipprovdu uliedha Mart Rose Mifsud, Karen Mifsud, u Maria Hili, aħwa Briffa. L-appellata

qalet li dawn il-fatti kollha ġew ampjament ippruvati matul il-proċeduri quddiem l-Arbitru.

10. L-appellata qalet li l-fatti kif esposti mill-appellant, mhumiex kollha veritieri u ma ngħatax l-isfond kollu. L-appellata qalet li huwa minnu li fil-15 ta' Diċembru, 2021 hija applikat għall-Pensjoni tal-Età, liema applikazzjoni ġiet miċħuda mill-appellent permezz tad-deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Frar, 2022, għar-raġuni li l-appellant ma kienx sodisfatt li l-assi kapitali veritieri tagħha ma kienux jeċċedu l-iskala. Qalet li l-applikazzjoni tal-15 ta' Diċembru, 2021, għamlitha wara li hija ma baqgħetx tirċievi l-ebda benefiċċju, u dan wara deċiżjoni oħra li ttieħdet mill-appellant rigward allegat ħlas żejjed lill-appellanta, fir-rigward ta' liema għad hemm proċeduri pendenti quddiem l-Arbitru, li jinsabu sospiżi sakemm jiġi deċiż l-appell odjern.

11. Fir-rigward tat-tliet kuntratti li l-appellant jagħmel riferiment għalihom fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellata tgħid li huwa minnu li sehemha mir-rikavat mill-bejgħ li sar permezz tal-kuntratt tas-6 ta' Awwissu, 2007, kien ta' €80,010.38, imma minn dan l-ammont kellha titħallas it-taxxa. L-appellata qalet li għalkemm dan l-ammont kien ġej minn wirt parafernali tagħha, kif kien jiġri dejjem, fuq insistenza tar-raġel tagħha, dan l-ammont ġie mogħti lil ulied l-appellata u żewġha, Mario Briffa u Andrew Briffa.

12. Fir-rigward tal-bejgħ li sar fl-4 ta' Frar, 2008, l-appellata tgħid li s-sehem tagħha mill-prezz tal-bejgħ kien ta' €46,587.47. L-appellata qalet li dan il-kuntratt jispeċifika li dakinhar tal-bejgħ kien tħallas biss l-ammont ta' €4,658.75 u l-bilanċ ta' €88,516.19 kellu jitħallas f'perijodu ta' 8 snin mid-data tal-kuntratt.

L-appellata qalet li għal dawn ir-raġunijiet, l-appellant ma seta' qatt jgħid li hija rċeviet is-somma ta' €93,174,94.

13. Għar-rigward tal-kuntratt li sar fil-15 ta' Ottubru, 2010, l-appellata qalet li hi u żewġha biegħu r-razzett u porzjon diviż ta' art agrikola annessa mar-razzett, għall-prezz ta' €317,377.12 lil binhom Mario Briffa. L-appellata qalet li filwaqt li fuq dan il-kuntratt ġie ddikjarat li sad-data tal-kuntratt l-appellata u żewġha kienu rċevew is-somma ta' €64,477.12, dan l-ammont qatt ma ġie mħallas. Qalet li barra minn hekk, l-ammont ta' €253,000 mħallas minn HSBC Bank Malta plc fuq il-kuntratt għan-nom ta' Mario Briffa, reġa' għadda għand l-istess Mario Briffa permezz ta' self, li fuq insistenza ta' żewġha Andrew Briffa, dehret fuqu l-appellata. L-appellata qalet li għalkemm is-sehem tagħha minn dan il-bejgħ kien ta' €158,688,56, minħabba l-istruzzjonijiet ta' żewġha, hija bl-ebda mod ma għamlet xi introjtu.

14. L-appellata qalet li għajr għall-provi dwar l-imsemmija kuntratti pubbliċi, u l-i*statements* tal-kontijiet bankarji, fejn imkien ma jidher illi kellha xi introjtu ta' flus kbar, hija ma kellha l-ebda prova oħra xi ġġib quddiem l-Arbitru, għas-sempliċi raġuni li ma kienx hemmx provi oħrajn. Qalet li żewġha Andrew Briffa llum huwa mejjet, u għalhekk żgur mhux possibbli li jikkorrabora dak li attwalment seħħ.

15. L-appellata qalet li l-appellant fl-ebda ħin ma jista' jgħid li mill-provi li għandu f'idejh seta' jasal għall-konklużjoni li l-appellata kellha assi li jiżbqu l-ammont permess mil-liġi, u dan għaliex l-ammont in kwistjoni mkien ma jidher fl-i*statements* tal-kontijiet bankarji. Qalet li l-Arbitru kien korrett meta

argumenta li hemm dubji serji dwar kemm l-appellata għandha kapital li jeċċedi l-limitu, u dan sempliċement għaliex fil-preżent l-appellata m'għandha l-ebda kapital jew sors ta' introjtu, u hija biss vittma ta' soċjetà patrijarkali li kibret fiha, fejn il-mara ftit li xejn kellha dritt li ssemma leħinha. Qalet li l-appellant kien biss qiegħed jispekula meta qal li l-appellata għandha kapital li jeċċedi l-ammont stabbilit mil-liġi, u dan mhuwiex prova biżżejjed għalfejn għandu jiġi ddikjarat li hija taqbeż l-ammont stabbilit mil-liġi.

16. L-appellata għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Josephine Aguis *vs.* Piju Theuma**[3], fejn ingħad li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament mhuwiex wieħed raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tar-risposta tal-appellata.

18. Il-Qorti qabel xejn tagħmel riferiment għall-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-appellata, fejn tgħid li l-appellant ma ġab l-ebda prova u/jew konferma tan-notifika lilu tad-deċiżjoni tal-Arbitru mogħtija fil-21 ta' Frar, 2023, u għalhekk ma jistax jiġi kkonfermat jekk l-appell tiegħu ġiex interpost fiż-żmien lilu mogħti skont l-artikolu 109(2) tal-Kap. 318. Il-Qorti tirrileva li waqt it-

[3] Qorti tal-Appell, 26.01.2018.

trattazzjoni *viva voce* ta' dan l-appell, l-avukat difensur tal-appellata m'għamel l-ebda aċċenn għal din l-eċċezzjoni preliminari, u għalhekk il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi din l-eċċezzjoni ġiet rinunzjata.

*L-Aggravju:* *[Il-konklużjonijiet tal-Arbitru huma manifestament skorretti u irraġonevoli]*

18. L-appellant jikkontendi li l-analiżi tal-Arbitru kienet wisq superfiċjali, u l-konklużjoni tiegħu li l-appellata ma kienitx teċċedi l-iskeda, hija nnifisha bbażata fuq suppożizzjonijiet mhux korroborati. L-appellant jgħid li l-oneru tal-prova fil-kuntest ta' għajnuniet u benefiċċji tas-sigurtà soċjali, huwa dejjem fuq min ikun qiegħed jitlob l-għajnuna, u jagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Carmelo Pullicino *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, tat-12 ta' Mejju, 2003[4], fejn ingħad illi:

> *"L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali kjarament ipoġġi l-oneru fuq l-applikant, fil-każ ta' talba għal xi waħda mill-għajnuniet hemm previsti, illi jġib prova konvinċenti, u konvinċenti ħafna, għas-sodisfazzjon tad-Direttur biex dan ikun in grad jevalwa u jiddeċiedi dwarha sal-grad ta' konvinċiment raġjonevoli".*

19. L-avukat difensur tal-appellata jgħid li għalkemm bil-proprjetà li kellha l-appellata, illum suppost qiegħda tgħix ħajja komda, qal li r-raġel tagħha tul ħajtu kien iddispona mill-proprjetà kollha li hija kellha favur uliedu s-subien lil jaħdmu fil-kostruzzjoni, u lilha u lil uliedha bniet ma ħallielhom assolutament xejn, lanqas saqaf fuq rasha fejn tgħix, tant hu hekk li hija qed tgħix ma' waħda minn uliedha bniet, bl-għajnuna ta' uliedha bniet l-oħra. Qal li meta miet ir-raġel tal-

[4] *Supra.*

appellata, lanqas *causa mortis* ma saret, għaliex dan iddispona minn ġidu kollu tul ħajtu, a favur uliedu s-subien, għax dawn kien fil-kostruzzjoni bħalu. Qal li l-appellata ma ħaditx passi legali kontra uliedha s-subien għax tibża' tieħu passi, u għaliex uliedha jibqgħu.

20. Il-Qorti tirrileva li l-appellata ma xehditx quddiem l-Arbitru, u lanqas xehed hadd minn uliedha dwar 'is-soċjetà patrijarkali' li allegatament hija kienet vittma tagħha. 'Soċjetà patrijarkali' timplika l-użu ta' ċerta forza jekk mhux vjolenza morali jew fizika. Jekk l-appellata kellha diffikultà li tikxef il-verità dwar il-'patrijarkaliżmu' ta' żewġha, suppost li wara li żewġha ġie nieqes, m'għandux ikollha problema biex tgħin ruħha u tiġġieled għad-drittijiet tagħha. Madanakollu l-Qorti ma tistax teskludi illi jekk tassew l-appellata kienet vittma ta' 'soċjetà patrijarkali', illi hija għadha kkundizzjonata minn dak li għaddiet minnu meta żewġha kien għadu ħaj. Jibqa' l-fatt però, li dak li ngħad mill-appellata fir-risposta tal-appell taghha dwar is-sistema patrijarkali, m'huwa korraborat minn ebda prova, u l-Qorti ma tistax tieħu bħala fatt dak li ntqal mill-appellata fir-rikors tal-appell tagħha. Il-Qorti tirrileva li 's-soċjetà patrijarkali' ma tissemma mkien fid-decizjoni appellata, għaliex l-appellata ma resqet l-ebda provi dwar dan quddiem l-Arbitru, u ssemmiet għall-ewwel darba fir-risposta tal-appell tagħha. Ma jistgħux jitressqu provi ġodda fl-istadju tal-appell, sakemm ma jkunux provi li ma setgħux jitressqu fil-prim istanza, u fi kwalunkwe każ, ma saret l-ebda talba f'dan is-sens lil din il-Qorti.

21. Il-Qorti taqbel li d-deċizjoni tal-Arbitru kienet superfiċjali għall-aħħar, u l-uniċi provi li ħa konjizzjoni tagħhom l-Arbitru, kienu l-kuntratti u l-i*statements* tal-kontijiet bankarji, u l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuq l-appellata, ma ġiex

sodisfatt minnha. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-appellanta tgħid li żewġha Andrew Briffa, illum huwa mejjet, u għalhekk żgur mhux possibbli li jikkorrabora dak li attwalment seħħ. Il-Qorti tgħid li madankollu ulied l-appellanta, speċjalment binha Mario Briffa li ngħata ħafna flus mill-appellata, setgħu jitellgħu biex jixhdu quddiem l-Arbitru biex jikkoraboraw dak li attwalment seħħ. Jirriżulta mill-provi li l-appellata u żewġha ddeċidew li jiżvestu ruħhom mill-ġid kollu tagħhom favur uliedhom is-subien, partikolarment binhom Mario Briffa, u sussegwentement bdew imantnu lilhom infushom permezz tal-assistenza soċjali. Dwar id-difiża tal-appellata li hija kienet vittma ta' 'soċjetà patrijarkali', ma tressqu l-ebda provi in sostenn tagħha, u l-Qorti jkollha toqgħod fuq il-provi li ġew prodotti fl-atti, u għalhekk ma tistax tagħmel mod ieħor ħlief li tilqa' l-aggravju tal-appellant, u tordna li d-deċiżjoni appellata tiġi mħassra.

22. Però la darba minn dak li semgħet il-Qorti, ma tistax teskludi li l-appellata kienet vittma ta' relazzjoni miżżewġa abbużiva, li għamlitha persuna vulnerabbli, hija ma tistax timxi fuq il-presuppost li l-appellata ma għinitx ruħha meta ddisponiet minn ġidha, u tieqaf hemm. Bir-raġun kollu, is-sistema tas-sigurtà soċjali timxi fuq il-prinċipju illi min ma jgħinx ruħu, m'għandux jiġi mgħejun mill-Istat permezz tas-servizzi soċjali. Imma tqum il-mistoqsija kemm persuna vulnerabbli hija f'pożizzjoni li tgħin ruħha, sabiex is-soċjetà tkun tista' tgħinha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser tibgħat l-atti lura quddiem l-Arbitru, sabiex jisma' l-provi dwar il-vulnerabbilità o meno tal-appellata. Barra minnhekk il-Qorti tirrakkomanda lill-appellant, sabiex permezz ta' professjonisti li huwa għandu għas-servizzi tiegħu, isir *assessment* psikoloġiku tal-appellata, sabiex jiġi stabbilit jekk kienitx vittma ta' relazzjoni

miżżewġa abbużiva li għamlitha persuna vulnerabbli, u jekk ikun il-każ allura tkunx tikkwalifika għall-għajnuna soċjali mitluba. Kopja ta’ dan l-*assessment* għandu jiġi pprezentat fl-atti quddiem l-Arbitru.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu, u għalhekk tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata. Il-Qorti tordna li l-atti jintbgħatu lura quddiem l-Arbitru, sabiex jisma’ l-provi dwar il-vulnerabbilità o meno tal-appellata.**

**Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**